**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kump. 201/00**

**Il-Pulizija**

**(Sp. Jason Agius)**

v

**Grezzju sive Horace sive Louis Cassar**
**ta' 37 sena, bin Joseph u Lorenza nee**
**Brincat, imwieled Luqa fl-1 ta' Awissu, 1962,**
**u residenti 33, Triq il-Bieqja, Birzebbuga,**
**numru tal-karta tal-identita' 507162 (M).**

**Illum 24 ta' Lulju, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Grezzju sive Horace sive Louis Cassar li gie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe

(i) talli fil-Pieta' fit-18 ta' Marzu, 2000 ghall-habta ta' bejn l-4.30 p.m. u 8.45 p.m., ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Triumph 1300 cc bin-numru ta' registrazzjoni KAB-784, kif ukoll camera, recorder, u diversi dokumenti mill-istess vettura liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, lok, hin, u bix-

xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Jonathan Farrugia mill-Imqabba,

(ii) u aktar talli f'Bormla, fid-19 ta' Marzu, 2000 ghall-habta tal-4.00 p.m. ikkommetta serq ta' handbag b'kontenut ta' flus u oggetti ohra minn fuq il-persuna ta' Manwela Attard minn Bormla, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u li sar ghad-detriment ta' l-istess Manwela Attard

(iii) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Manwela Attard,

(iv) u aktar talli f'Rahal il-Gdid, fid-19 ta' Marzu, 2000 ghall-habta tal-4.45 p.m. ikkommetta serq ta' handbag b'kontenut ta' flus u oggetti ohra minn fuq il-persuna ta' Theresa Abdilla anzjana ta' sitta u sebghin (67) sena mill-Fgura, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u li sar ghad-detriment ta' l-istess Theresa Abdilla,

(v) u aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Theresa Abdilla,

(vi) u aktar talli f'Rahal Gdid fid-19 ta' Marzu, 2000 ghall-habta tal-5.00 p.m. bil-hsieb li jikkommetti delitt ta' serq fuq il-persuna ta' Gemma Simiana mill-Gudja, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza u ghad-dannu ta' l-istess Gemma Simiana,

(vii) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Gemma Simiana,

(viii) u aktar tali f'Hal-Tarxien, fl-20 ta' Marzu, 2000 ghall-habta tad-9.00 a.m. bil-hsieb li jikkommetti delitt ta' serq wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' serq ta' handbag minn fuq persuna mhux maghrufa, liema serq ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa,

(ix) u aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-20 ta' Marzu, 2000 ghall-habta tad-9.00 a.m. u fil-granet ta' qabel xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom,

(x) u aktar talli sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta diversament preseduti u datati t-13 ta' Novembru, 1980 u ta' l-4 ta' Frar, 1994 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula,

(xi) u finalment akkuzat talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-3 ta' Lulju, 1998, fejn huwa kien instab hati li kkommetta reat u gie kkundannat tnejn u ghoxrin (22) xahar habs (prigunerija) sospizi ghal erba' (4) snin.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat,

Illi jirrizulta ben pruvat li Horace Cassar huwa hati ta' l-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu in kwantu dawn huma fl-opinjoni tal-Qorti ben pruvati. Illi kif jirrizulta mill-istqarrija irrilaxxata minn Horace Cassar hu kien fil-pussess, anzi seraq il-vettura mertu ta' l-akkuza, meta sab cavetta li kumbinazzjoni qablet ma' din il-vettura. Huwa nnega fl-istqarrijiet tieghu li huwa kkommetta ebda wiehed mis-snatch and grab lilu addebitati. Pero' mix-xhieda tal-vittmi ta' dawn l-isnatch and grab il-Qorti m'ghandha ebda dubju ta' l-involviment tieghu f'dan ir-reat tant li Joseph Attard zewg id-derubata Theresa anke jekk kien cert min-numru tal-vettura misjuqa f'dan l-

isnatch and grab, cioe KAB-784. Martu Theresa kienet certa mill-kulur, mentri Gemma Simiana kienet certa min-numru 784.

Il-karozza Triumph misjuqa minn Horace Cassar kienet fil-fatt Triumph blu skura bin-numru ta' registrazzjoni KAB 784.

Gie pruvat ukoll, apparti l-verbal tad-difiza li taqbel ma' l-istess li l-griehi sofferti minn Attard, Abdilla u Simiana kienu ta' natura hafifa.

Rat ukoll is-sentenzi esebiti Dok JS u JS1 u l-verbal fejn id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' prova ta' l-identita' dwar l-istess.

Rat ukoll l-artikoli fir-rinviju ta' l-Avukat Generali kif ukoll il-kunsens ta' l-akkuzat ghal proceduri sommarji ( a fol 180- 181).

Ghaldaqstant qed issibu hati tar-reati proposti taht l-artikoli 261 (a) (b) (c) (e) (f) (g), 262 (1), 263, 267, 269, 270, 271, 274, 272 (b), 279, 18, 221, 49, 50 u 17 tal-Kap 9.

Tilliberah mir-reat dedott taht l-artiklu 334 u cioe dak ta' ricettazzjoni in kwantu ghal htija premessa.

Rat ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta esebita bhala Dok JS, rat li r-reati in dizamina gew kommessi minn Horace Cassar fil-perjodu operattiv ta' erba' snin.

Rat ukoll li Horace Cassar inghata mhux cans wiehed biex jirriforma ruhu, fatt dan li gie mehud in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fis-sentenza minnha moghtija.

Illum id-difiza qed tipproponi ghal attenzjoni ta' din il-Qorti l-istess sitwazzjoni, cioe li Horace Cassar illum biddel hajtu u ta' dan id-difiza tellghet in prova lil Father Alex Cordina. Jidher ghalhekk fil-fatt li kull ma nbidel huwa li, minflok sar verbal mill-avukat difensur, telgha jixhed l-

imsemmi Father Alex Cordina. Fil-fatt jidher li Horace Cassar ma fehem xejn minn dawk li kienu r-responsabilitajiet tieghu taht sentenza sospiza datata 3 ta’ Lulju, 1998, u nstab hati ta’ reati kommess fid-19 ta’ Marzu, 2000, cioe kwazi sentejn wara. Tistaqsi l-Qorti x’tip ta’ riforma hi din li ghamel l-imputat. Lanqas ma tista’ l-Qorti twaqqa’ l-kelma taghha meta fis-sentenza minnha moghtija kienet avzatu li kellu jibbenefika biss ghall-ahhar darba biex jahrab piena karcerarja.

Ghaldaqstant wara li rat l-artiklu 28B tal-Kap 9 qeghda tordna li s-sentenza sospiza moghtija minn din il-Qorti fit-3 ta’ Lulju, 1998 (esebita gia fl-atti Dok JS fol 25) tibda ssehh mill-llum. Dwar ir-reati in dizamina llum, in vista anke li l-Qorti ghadha kif tinfliggi piena karcerarja, tenut kont ukoll tal-gradi li l-Qorti trid titla’ minhabba l-htija, izzomm l-istess piena fil-minimu taghha u qed tikkundannah ghal tliet xhur piena karcerarja.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.